MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2009

Rikors Numru. 81/2007/1

**Maria Dolores sive Marie Farguia (ID 360545M)**

**vs**

**Joseph Farrugia (ID 712641M)**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi l-esponenti hija uzufruttwarja u ko-proprjetarja tal-fond Garage numru mija u tmintax (118) Bwieraq Street, Birkirkara u dan skond it-testment unica carta tal-genituri ta’ l-istess esponenti Geraldo u Helen Farrugia konservat fl-atti tan-Nutar Angelo Sammut tal-14 ta’ Frar 1985;

Illi l-esponenti tikri lill-intimat l-imsemmi fond versu l-kera ta’ hamsin lira Maltin (Lm50) kull sitt xhur bil-quddiem u l-iskadenza li jmiss taghlaq fl-ewwel (1) ta’ Jannar 2008;

Illi l-intimat naqas milli jhallas puntwalment il-kera ta' l-iskadenzi ta' l-ewwel (1) ta' Gunju 1997, l-ewwel (1) ta' Jannar 1998, l-ewwel (1) ta' Gunju 1998, l-ewwel (1) ta' Jannar 1999, l-ewwel (1) ta' Gunju 1999, l-ewwel (1) ta' Jannar 2000, l-ewwel (1) ta' Gunju 2000, l-ewwel (1) ta' Jannar 2001, l-ewwel (1) ta' Gunju 2001, u dan minkejja li huwa gie debitament interpellat ihallas permezz ta' ittra ufficjali ta' l-ewwel (1) ta' Novembru, 2000 illi giet lilu notifikata fl-erbgha (4) ta' Novembru 2000 skond kopja ufficjali taghha hawn annessa bhala Dok A.

Illi l-intimat naqas illi jhallas puntwalment il-kera tal-iskadenzi tal-ewwel (1) ta' Jannar 2003, l-ewwel (1) ta' Gunju 2003, l-ewwel (1) ta' Jannar 2004, l-ewwel (1) ta' Gunju 2004, l-ewwel (1) ta' Jannar 2005, l-ewwel (1) ta' Gunju 2005, u ta' l-ewwel (1) ta' Jannar 2006 u dan minkejja li huwa gie debitament interpellat ihallas permezz ta' ittra ufficjali tas-sbatax (17) ta' Mejju, 2006 illi giet lilu notifikata fl-ghoxrin (20) ta' Mejju 2006 skond kopja ufficjali taghha hawn annessa bhala Dok B.

Illi l-intimat naqas illi jhallas puntwalment il-kera tal-iskadenzi tal-ewwel (1) ta' Jannar 2003, l-ewwel (1) ta' Gunju 2003, l-ewwel (1) ta' Jannar 2004, l-ewwel (1) ta' Gunju 2004, l-ewwel (1) ta' Jannar 2005, l-ewwel (1) ta' Gunju 2005, ta' l-ewwel (1) ta' Jannar 2006, ta' l-ewwel (1) ta' Gunju 2006 ta' l-ewwel (1) ta' Jannar 2007, u ta' l-ewwel (1) ta' Gunju 2007, u dan minkejja li huwa gie debitament interpellat ihallas permezz ta' ittra ufficjali tal-erbgha (4) ta' Lulju, 2007 illi giet lilu notifikata fl-ghaxra (10) ta' Mejju 2007 skond kopja ufficjali taghha hawn annessa bhala Dok C.

Ghaldaqstant a tenur tal-artikolu 9 (a) (i) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta l-esponent titlob bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jawtorizzaha tirriprendi l-pussess tal-fond Garage numru mija u tmintax (118) Bwieraq Street B'Kara u konsegwentement tordna l-izgumbrament tal-intimat minn dan il-fond fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni.

Bil-prezenti u bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tirriserva kull azzjoni spettanti lilha ghad-danni jew kumpens iehor kagun tal-agir tal-intimat kif hawnhekk premess.

Bl-ispejejs kontra l-intimat.

Ra illi l-intimat debitament notifikat la wiegeb u anqas deher biex jikkontesta t-talbiet kontra tieghu;

Ra ukoll illi l-istess intimat kien gia notifikat bit-talba tar-rikorrenti ghal-hlas tal-kera dovuta: ittra ufficcjali tal-1 ta' Novembru 2000, dik tas-17 ta' Mejju 2006 u dik tal-4 ta' Lulju, 2007 ghall-iskadenza tal-kera hemm indikati;

Semgha ukoll bil-gurament lir-rikorrenti li kkonfermat il-premessi w it-talbiet taghha fir-rikors promutur kif ukoll li l-intimat ghadu moruz anke wara li kien notifikat b'dawn il-proceduri;

Illi ghalhekk il-Bord huwa sodisfatt li jezistu ir-rekwiziti kif ravvizati fl-artikolu 9(a) (1) tal-Kap 69, u ghalhekk jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jawtorizza r-ripreza tal-fond konsistenti f'garage numru mija u tmintax (118) Bwieraq Street, B'Kara mir-rikorrenti u dan fi zmien tlett gimghat mil-lum wara liema zmien l-intimat ghandu jizgombra u jhalli liberu u vakant l-istess fond.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------